MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar it-22 ta' Novembru 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Francesco Mizzi)**

**vs.**

**Michael Chetcuti**
detentur tal-karta tal-identità innumerata 763854M

u

**Josephine Chetcuti**
detentriċi tal-karta tal-identità innumerata 415361M

**Każ Numru: 4702/2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Michael Chetcuti, ta' 69 sena, iben John u Francesca nee Mifsud, imwieled Santa Venera nhar it-12 ta' Ottubru 1954, residenti ġewwa 94, White House, Triq id- Drama, Qormi, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 763854M u

l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Josephine Chetcuti, ta' 62 sena, bint Emanuel u Salvina nee Zammit, imwielda l-Pietà nhar id-19 ta' Ġunju 1961, residenti ġewwa 94, White House, Triq id- Drama, Qormi, detentriċi tal-karta tal-identità in-numru 415361M

akkużati talli fl-20 ta' April 2024 għal ħabta tas-13.30hrs ġewwa Crescent Crt, Triq il- Marfa, Mellieħa:

1. Volontarjament kisru il- paċi pubblika u/jew il-bon ordni b' għajjat u/jew ġlied;

2. U aktar talli għamlu lil Yvonne Mc Kinnon nġurji u/jew theddid mhux msemmija band'oħra fil- kodiċi kriminali jew jekk kienu pprovokati nġurjaw b' mod li ħarġu barra mill- limiti tal- provokazzjoni;

3. U aktar talli bl- imġieba tagħhom ikkaġunaw lil Yvonne Mc Kinnon biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l- propjetà tagħha jew kontra l- persuna jew propjetà ta' xi ħadd mil- axxendenti, dixxendenti aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà ta' Yvonne McKinnon ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli 338(dd), 339(1)(e) u 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom ir-rapport tal-Pulizija relattiv[1] u l-affidavit ta' PS2418 Analise Teuma[2], l-affidavit ta' PS2081 Owen Azzopardi[3], ir-ritratti esebiti mill-partijiet;

Semgħet ix-xiehda ta' Michael Chetcuti, Josephine Chetcuti, Yvonne McKinnon, Pvakash Dahal u Yvgesh Shvestha[4];

[1] Immarkat Dok. FM1, bir-referenza 11/POL/1971/2024 a fol. 25 tal-proċess;
[2] Immarkat Dok. FM2, a fol. 5 et. seq. tal-proċess;
[3] Immarkat Dok. FM3, a fol. 30 et. seq. tal-proċess;
[4] Ilkoll mogħtija nhar it-28 ta' Ġunju 2024;

**Ikkunsidrat:**

Dan il-każ jitratta dwar argument illi nqala' bejn ġirien fl-istess blokk. Bla dubju li bejn il-partijiet hemm diversi lmenti fuq xulxin li mhumiex il-mertu ta' din il-kawża, bħalma huma l-cameras fil-komun tal-appartamenti, it-tindif u ż-żamma tal-istess komun, u diversi kwistjonijiet oħra rigward l-amministrazzjoni tal-blokk. Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddelibera dwar dawn il-kwistjonijiet għajr illi tirrikonoxxi li dawn kienu l-kawża għalfejn il-partijiet "żbruffaw" dakinhar tal-inċident.

Mill-provi li semgħet din il-Qorti, jirriżulta mhux ikkontestat illi ż-żewġ nisa involuti f'dan l-inċident qalu kliem oxxen fil-konfront ta' xulxin. Anke jekk waħda ġiet ipprovokata mill-oħra, il-kliem li ntqal bejniethom xorta jsarraf fit-twettiq tar-reat taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jikkonsisti proprju li wieħed jeċċedi l-limiti tal-provokazzjoni. Illi wkoll mhux ikkontestat illi Michael Chetcuti ma qal ebda kliem oxxen fil-konfront tal-ġara tiegħu.

Rigward l-akkuża tal-ksur tal-paċi pubblika li fil-Liġi Ingliża hija 'a breach of public peace', il-ġjurisprudenza tagħna tirritjeni s-segwenti:

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-19 ta' Novembru, 1999, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. MariaConcetta Green[5] intqal: *'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumità ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta' proprjetà, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilità ta' reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaga oħra u aktar serja (bħal glied bl-idejn jew ħsara fil-propjetà) ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.'*

Dan ifisser li xi persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt l-inċident. *"Minn dan jikkonsegwi illi għas-sejbien ta' ħtija għar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, għalkemm mhux meħtieġ li tinġieb il-prova illi l-agir tal-imputat ikun attwalment nissel l-allarm f'persuna oħra dwar l-inkolumita` fiżika tagħha jew inkolumita` tal-proprjeta` tagħha, l-aġir tal-*

[5] Volum LXXXIII Part IV paġina 441

*imputat irid ikun tali li jkun kapaċi fih innifsu jnissel dan it-tħassib jew allarm mill-inqas f'persuna waħda oħra dwar l-inkolumita` tagħhom."*[6]

Fil-kawża Il-Pulizija vs. Pio Galea, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997,[7] intqal li biex jissussisti dan ir-reat: *"irid ikun hemm, bħala regola, għemil voluntarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumità fiiżka ta' persuna, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilità ta' reazzjoni għal dak l-għemil."*

Dana ġie ripetut mill-istess Qorti fis-sentenza Il-Pulizija v. Noel Tanti mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005, illi ċċitat ukoll Il-Pulizija vs. Alfred Pisani[8].[9]

Iktar riċentement, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Claudio Overend[10], l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:- *"Il-kunċett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: '… Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182)."*

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in eżami, il-Qorti tqis li l-aġir tal-imputati kien tali li xpruna fil-vittma Yvonne McKinnon ċertu qies ta' tħassib għall-inkolumità tagħha u għalhekk dan ir-reat ġie sodisfaċentement ippruvat. M'hemmx dubju li McKinnon ħassitha mbeżżgħa', infatti lill-persuni l-oħra li xehdu qaltilhom biex jidħlu ġewwa.

Iżda l-biża li ħaset McKinnon "I was shaking" ma kinitx tant gravi u serja tal-grad ravviżat mill-Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9, li xehdet dwarha fit-tul u b'importanza kbira. Stqarret kemm kienet qiegħda tibża' dakinhar, wara li d-difensur tagħha, kif ngħidu bil-Malti, qala' fwiedu jistaqsiha dwar kif ħassitha dakinhar tal-inċident.

[6] Kumpilazzjoni Numru 139/2022 Il-Pulizija vs. Sven Bonnici, 14 ta' Frar 2024, Maġistrat Dr. Rachel Montebello;
[7] Kif iċċitata fil-kawża Numru 532/2023 Il-Pulizija vs. Ignazio Mifsud, Maġistrat Dr. Simone Grech, 20 ta' Mejju, 2024;
[8] Qorti fl-Appell Kriminali, 5 ta' Mejju 1995;
[9] U wkoll fil-każ numru 5/2022 Il-Pulizija vs. Anas Alahmad, Maġistrat Simone Grech, 29 ta' Lulju, 2024;
[10] deċiża fis-6 ta' Jannar 2012;

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti fil-każ odjern ma jeżistux l-elementi ta' dan ir-reat lil hinn mid-dubju raġjonevoli.

Il-Qorti tiddeplora l-aġir taż-żewġ naħat li jidhru li m'għandhomx it-tolleranza bażika meħtieġa meta wieħed ikun jgħix fi blokka mhux żgħira bħalma hija tagħhom. Dan in-nuqqas ta' tolleranza sfortunatament huwa rifless fis-soċjetà li ngħixu fiha llum, fejn ħafna jinsabu mhedija bid-drittijiet tagħhom mingħajr l-iċken empatija għas-sitwazzjonijiet tal-oħrajn.

Dan qiegħed jintqal għaliex fil-każ odjern, li kieku Michael Chetcuti ċaqlaq is-siġġu tiegħu min-nofs il-bieb sabiex Yvonne McKinnon taċċedi għall-bejt bil-fliskatur f'idha mingħajr tbatija żejda, u li kieku McKinnon felħet lil Chetcuti bil-qiegħda fil-komun għal ftit minuti sakemm tinxef l-art tal-appartament tiegħu, dan l-inċident bejniethom ma kienx jinqala'.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(dd), 339(1)(e) u 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

qiegħda ssib lill-imputata Josephine Chetcuti **ħatja** tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u tillberaha mit-tielet imputazzjoni u

qiegħda ssib lill-imputat Michael Chetcuti **ħati** tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni

konsegwentement qiegħda tikkundanna lil Josephine Chetcuti ammenda ta' mitt ewro (€100) u lil Michael Chetcuti ammenda ta' ħamsin ewro (€50).

Inoltre sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Yvonne McKinnon, il-Qorti qiegħda ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-ħatja sabiex bl-ebda mod ma jimmolestaw jew javviċinaw lil Yvonne McKinnon detentriċi tal-karta tal-identità 613259M, taħt penali ta' elf Ewro (€1000) kull wieħed u dan għal perjodu ta' sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja l-obbligi tagħhom taħt din is-sentenza u l-konsegwenzi f'każ li huma jonqsu li jħarsu l-istess.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur